MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tat-18 ta' Ottubru, 2007

Appell Kriminali Numru. 285/2007

Il-Pulizija
(Spt. K. Farrugia)

vs.

Maria Grima

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellanti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli fit-23 ta’ Mejju, 2006 u fix-xhur ta’ qabel, fil-fond 337, Triq Fleur De Lys, B’Kara, meta b’diversi atti maghmulin minnha wkoll jekk fi zminijiet differenti, jkunu jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi w li jkunu gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda, bla hsieb li tisraq jew li taghmel hsara kontra l-ligi, izda biss biex tezercita’ jedd li tippretendi li ghandha, geghlet bl-awtorita’ taghha nnifisha, lil xi hadd ihallas dejn, jew jesegwixxi obbligazzjoni, tkun li tkun, jew fixklet lil xi hadd fil-pussess

ta’ hwejgu, jew b’xi mod iehor, kontra l-ligi, indahlet fi hwejjeg haddiehor billi fixklet lil Luciano Grima fil-pussess ta’ hwejjgu.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali ta’ l-10 ta’ Lulju, 2007 li biha, wara li rat l-artikolu 85 tal-Kapitolu 9, sabet lill-appellanti hatja ta’ l-akkuza kif dedotta u, b’applikazzjoni ta’ l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446, illiberataha bil-kundizzjoni li ma tikkommettiex reat iehor sa zmien tlett (3) xhur.

Rat ir-rikors tal-appellanti minnha pprezentat fl-20 ta’ Lulju, 2007, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata, tiddikjaraha mhux hatja w tilliberaha minn kull imputazzjoni w htija skond il-Ligi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant, fil-qosor, jikkonsistu fis-segwenti w cioe’:-

1. illi l-kwerelant qatt, lanqas ghal siegha wahda, ma kellu pussess jew anke d-detenzjoni tal-fond in kwistjoni in kwantu huwa nghata semplicement c-cavetta tad-dar ta' ommu meta kien adolexxenti biex, bhal ma jsir fil-maggoranza tal-familji, jkun jista’ jidhol u johrog, u dan ma jikkostitwixxi l-ebda titolu jew xi forma ta’ dritt reali jew personali fuq id-dar.  Ic-cavetta li nghatat lill-kwerelant kienet inghatat biss *ex gratia* u purament ghall-konvenjenza, li bhal kull genitur iehor ma jitilfu l-ebda l-icken dritt fuq il-proprjeta’ posseduta minnhom, inkluz il-bdil tas-serratura tal-bieb tad-dar billi jaghtu cavetta tad-dar lill-uliedhom;
2. illi ghalhekk ma jissusistux l-elementi rikjesti fil-ligi ghar-reat imsemmi fl-artikolu 85 u l-artikolu 18 tal-Kap. 9 in kwantu l-prosekuzzjoni bix-xhieda tal-kwerelant ma ppruvatx u qatt ma tista’ tipprova li l-post in kwistjoni huwa “hwejjeg” il-kwerelant;
3. illi fuq kollox izda, f’dawn il-proceduri ma tressqet l-ebda prova f’dan is-sens ghajr li l-kwerelant xehed rigward

il-post li “hemm tieghi” u kieku l-Qorti kellha taccetta tali xhieda bhala sufficjenti biex jigi ppruvat xi forma ta" jedd jew titolu li bih ikun jista’ jigi akkuzat il-pussessur legittimu b’reat taht l-artikoli surriferiti, allura l-Qorti tkun qed tissanzjona abbuz sfaccat tal-ligi illi hija intiza proprju biex tikkwatela l-jeddijiet ta’ min huwa l-legittimu pussessur illi f’dan il-kaz hija l-imputata li ilha tghix fil-post ghal kwazi sittin (60) sena);
4. illi lanqas ma jissusistu l-ebda wiehed mill-erba’ (4) elementi kostituttivi tar-reat imsemmi fl-Artikolu 85 elenkati minn din l-Onorabbli Qorti fil-kawza fl-ismijiet “**Il-Pulizija vs Michael Lungaro u Paul Lungaro** [15 ta’ Mejju, 2003] ghaliex l-imputata ma “spoljatx” lill-kwerelant minn xi haga li qed igawdi peress illi huwa qatt ma kellu l-ebda dritt ta' pussess jew detenzjoni fuq il-fond in kwistjoni w xtara biss ir-rimanenti cens bil-genituri tieghu diga’ fil-post bhala inkwilini. Inoltre l-kwerelant lanqas jirrisjedi hemmhekk peress illi telaq meta zzewweg u ha l-possessjonijiet kollha tieghu mieghu. Bl-istess mod lanqas ma jista’ jinghad li l-imputata kellha xi koxjenza li qed taghmel “*di braccio privato”* dak li messu jsir permezz ta’ l-awtorita’ pubblika, li fi kwalunkwe kaz kien kompitu tal-prosekuzzjoni li tipprova sal-grad tac-certezza morali.

Semghet ix-xhieda tal-uniku xhud tal-prosekuzzjoni Luciano Grima.

Ikkonsidrat;

Illi Luciano Grima, meta gie pressat mill-Qorti biex jghid jekk jafx min fil-fatt kien bidel is-serratura tal-bieb tal-fond de quo, seta' jghid biss li dan sar jew mill-appellanti jew minn huha li jigi zijuh, b' dana li x' aktarx li kien zijuh li ghamel dan.

Peress illi minn din ix-xhieda ma jirrizultax ezatt min kien fil-fatt bidel is-serraturi tal-fond in kwistjoni w cioe' jekk hux l-appellanti jew inkella huha, w dana kif xehed l-istess parte civile, w peress li l-bdil tas-serraturi kien jikkostitwixxi l-fatt materjali tar-reat in dizamina w peress li ghalhekk jidher li hemm dubju dettat mir-raguni dwar min fil-fatt ikkommetta l-att materjali li wassal ghal fatt li huwa

tilef id-dgawdija ta' xi pussess li seta' kellu, w peress ukoll li mill-provi ma tirrizultax pruvata xi komplicita' bi prekoncert bejn l-appellanti u dan huha, tilqa' l-appell u tirrevoka s-sentenza appellata w tillibera lill-appellanti minn kull imputazzjoni w piena.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------